# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**AĠENT PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 1**

**Rikors Numru 214/2019/1 MCH**

**Lawrence Borg f'ismu proprju u f'isem is-soċjetà *Cerviola Hotel Limited*, kif ukoll jekk meħtieġ f'isem is-soċjetà estera *Cerviola Holidays Limited* reġistrata fir-Renju Unit**

***v.***

**L-Avukat tal-Istat; u**
**Bank Ċentrali ta' Malta**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali tal-25 ta' Frar 2021 li laqgħet eċċezzjonijiet preliminari ta' nuqqas ta' interess ġuridiku u nuqqas ta' *locus standi* fl-atturi.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn: l-attur Lawrence Borg *proprio* kien azzjonist fis-soċjetajiet attriċi *Cerviola Hotel Limited* [“*Cerviola Hotel*”], li kienet reġistrata hawn Malta, u *Cerviola Holidays Limited* [“*Cerviola Holidays*”], li kienet reġistrata fir-Renju Unit.

3. Ce*rviola Holidays Limited* kienet *tour operator*: kienet iġġib turisti minn barra minn Malta u biex tagħmel hekk kienet tikri b’*charter* ajruplan minn *Airmalta Company Limited*.

4. Fl-1986 il-Gvern ta’ Malta ħareġ skema għal *tour operators* imsejjaħ *Special Guaranteed Pound Sterling Rate* jew *Forward Buying Rate*, u l-prinċipju kien li din ir-rata favorevoli tingħata lil min iġib turisti Malta. Dan l-iskema kien iħaddmu l-konvenut Bank Ċentrali ta’ Malta [“il-Bank Ċentrali”]. *Cerviola Holidays Limited* kienet għamlet talba taħt dan l-iskema mal-Bank Ċentrali u nħarġilha permess biex topera taħt l-istess skema.

5. Ġara iżda li *Cerviola Holidays* ma setgħetx tkompli tibbenefika mill-iskema minħabba xi irregolaritajiet li nstabu mill-Bank Ċentrali. Din is-sitwazzjoni baqgħet ukoll wara li b’sentenza tat-28 ta’ Novembru 1994 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali sabet lill-attur mhux ħati tal-akkużi mressqa kontra tiegħu in konnessjoni mat-tħaddim ta’ dan l-iskema. Appell tal-Avukat Ġenerali minn dik is-sentenza kien miċħud mill-Qorti tal-Appell Kriminali b’sentenza tal-25 ta’ Lulju 1996.

6. L-atturi jsostnu li kien hemm dak li jsejħulu “*an appraisal of guilt*” fil-konfront tagħhom u li huma ngħataw “*penalty in disguise*” għax ġarrbu danni pekunjarji billi ma tħallewx ikomplu jipparteċipaw fl-iskema u

kellhom iħassru diversi titjiriet *chartered* b'telf finanzjarju enormi, kif ukoll danni non-pekunjarji u spejjeż. L-atturi jgħidu wkoll illi kien hemm parteċipanti oħra f'dan l-iskema li nħafrulhom irregolaritajiet li nstabulhom u tħallew ikompu jibbenefikaw taħt l-iskema, u b'hekk twettqet diskriminazzjoni kontra tagħhom. Igħidu wkoll li ġarrbu ksur tad-drittijiet tagħhom imħarsa taħt il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni Ewropea"].

7. L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża tallum u talbu illi l-qorti tiddikjara li huma ġarrbu:

> »(1) vjolazzjoni tal-artikolu 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem in kwantu ġew leżi l-prinċipju tal-presunzjoni tal-innoċenza wara li Lawrence Borg ġie ddikjarat mhux ħati u illiberat, kif ukoll in kwantu għal *eccessive length of proceedings*;
>
> »(2) vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-Protokoll Numru 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;
>
> »(3) vjolazzjoni tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea in kwantu huwa safa mingħajr rimedju effettiv minkejja li eżawrixxa r-rimedji kollha disponibbli għalih;
>
> »(4) vjolazzjoni tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem li jipproteġi kontra diskriminazzjoni, abbinat mal-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni dwar il-presunzjoni tal-innoċenza, in kwantu parteċipanti oħra f'din l-iskema ġew maħfura minkejja li nqabdu li wettqu irregolaritajiet;
>
> »(5) vjolazzjoni tal-artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea in kwantu huma sofrew telf finanzjarju in kwantu l-applikazzjoni tagħhom *ai termini* tal-iskema in kwistjoni ġiet milqugħa iżda twaqqfet mill-awtoritajiet konċernati.

8. Talbu wkoll illi l-qorti:

> »tordna l-ħlas ta' kumpens xieraq *ai termini* tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) li jikkomprendi d-danni pekunjarji, id-danni non-pekunjarji u l-ispejjeż.«

9. Il-Bank Ċentrali ta' Malta ressaq dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

> »1. Preliminarjament, kull wieħed mir-rikorrenti għandu jipprova l-interess ġuridiku tiegħu biex jipproponi u jipprosegwi din il-kawża.

> »2. Preliminarjament ukoll, ir-rikorrent Lawrence Borg għandu jipprova r-rappreżentanza tiegħu tas-soċjetajiet *Cerviola Hotel Limited* u *Cerviola Holidays Limited*, kif ukoll l-awtorizzazzjoni tagħhom biex jippreżenta din il-kawża.

10. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

> »… … … tilqa' ż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati … u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti. Bl-ispejjeż kontra tiegħu.«

11. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Lawrence Borg xehed li … hu jidher bħala *shareholder*, *company secretary* u *legal representative* tal-kumpannija *Hotel Cerviola Ltd*. Din il-kumpannija ġiet *struck off as defunct* … *Cerviola Holidays Ltd* ġiet dissolved fil-5 ta' Jannar 2016. Dawn spiċċaw hekk għax il-Bank Ċentrali kien issekwestralhom kollox. Kellu kumpanniji oħra li ġralhom l-istess ħaġa.
>
> »Fuq kontro-eżami wieġeb li dina l-kawża għamilha fuq l-i*special guaranteed pound sterling rate* li kienet tingħata lit-*tour operators*, fil-każ tiegħu *Cerviola Holidays Ltd*. Hu kien *shareholder* fiż-żewġ kumpanniji. Il-kumpannija kienet applikat għal dina l-i*special guarantee*. Ma jiftakarx li, meta kienu fittxewh, fil-kawża hu kien qal li ma kellu x'jaqsam xejn personalment. Dawn iż-żewġ kumpanniji kienu spiċċaw meta ppreżenta dina l-kawża.
>
> »Dina l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza fuq l-eċċezzjonijiet tal-intimati dwar ir-rappreżentanza tar-rikorrent u tal-interess ġuridiku tiegħu.
>
> »Eccezzjonijiet preliminari
>
>> »"Preliminarjament, kull wieħed mir-rikorrenti għandu jipprova l-interess ġuridiku tiegħu biex jipproponi u jipprosegwi din il-kawża.
>>
>> »"Preliminarjament ukoll, ir-rikorrent Lawrence Borg għandu jipprova r-rappreżentanza tiegħu tas-soċjetajiet *Cerviola Hotel Limted* u *Cerviola Holidays Limited*, kif ukoll l-awtoriżżazzjoni tagħhom biex jippreżenta din il-kawża."
>
> »Rappreżentant tas-soċjetajiet rikorrenti
>
> »Dina l-kawża giet preżentata fis-6 ta' Novembru 2019 minn Lawrence Borg f'ismu proprju u in rappreżentanza tas-soċjetà *Cerviola Hotel Limited* kif ukoll okkorrendo in rappreżentanza tas-soċjetà estera *Cerviola Holidays Limited* reġistrata fir-Renju Unit.
>
> »Mill-atti jirriżulta li l-kumpannija *Hotel Cerviola Ltd* ġiet "*struck off as defunct*" … billi skont ir-rikorrent dina ma kinitx qed tmexxi n-negozju tagħha; u *Cerviola Holidays Ltd* giet *dissolved* fil-5 ta' Jannar 2016.
>
> »Meta ġiet ippreżentata dina l-kawża ż-żewġ kumpanniji ma kinux għadhom jeżistu. Għalkemm, qabel, Lawrence Borg kellu r-rappreżentanza tal-kumpannija *Cerviola Hotel Limited*, meta ġiet ippreżentata dina

l-kawża huwa ma kien għad baqagħlu r-rappreżentanza ta' ebda waħda minn dawn iż-żewg kumpanniji għax kienu *defunct* (ara artikolu 4(4) tal-Kap 386).

»Għalhekk ir-rikorrent ma setax jiġi awtorizzat biex jirrappreżenta dina l-kawża minn dawn iż-żewġ kumpanniji billi dawn kienu mejtin meta ġiet ippreżentata l-kawża. Hu ma jistax jirrappreżenta kumpanniji li ma għadhomx jeżistu.

»Għalhekk dawn iż-żewġ kumpanniji ma għandhom ebda *locus standi* f'dina l-kawża. Ir-rikorrent ma jistax jidher għan-nom tagħhom.

»Li jifdal f'dina l-kawża hu r-rikorrent fil-vesti tiegħu personali biss.

»Interess Ġuridiku

»L-intimati wieġbu li r-rikorrent irid jipprova l-interess ġuridiku tiegħu biex jipproponi u jipprosegwi b'din il-kawża. L-intimati jissottomettu li, biex xi ħadd jista' jressaq azzjoni dwar ksur ta' jedd fundamentali kif imħares taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni, irid juri li huwa ġarrab jew sejjer iġarrab dak il-ksur. Għalhekk azzjoni bħal din teħtieġ l-interess tal-parti li tressaqha.

»Ir-rikorrent issottometta li anke jekk iż-żewġ kumpanniji huma llum defunti, xorta waħda jrid jingħata dritt ta' azzjoni lir-rikorrent f'ismu u fl-interess taż-żewġ kumpanniji għal ksib ta' rimedju biex iħares id-drittijiet tiegħu li ġew vjolati jew inqerdu mill-Bank Centrali ta' Malta.

»Għandu jingħad qabel xejn illi l-leġittimazzjoni attiva biex tressaq azzjoni taħt id-disposizzjoniijet tal-Kostituzzjoni li jħarsu d-drittijiet fondamentali u dik biex tressaq azzjoni taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, għalkemm jixxiebhu u qrib xulxin, ma humiex għal kollox identiċi. L-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni jrid illi biex titressaq azzjoni taħt l-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni huwa meħtieġ "interess personali b'appoġġ għall-azzjoni", waqt li taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea huwa meħtieġ illi l-attur juri illi huwa "vittma" ta' ksur ta' xi jedd imħares taht il-Konvenzjoni Ewropea. Għalkemm, kif ingħad, iż-żewġ kunċetti huma qrib xulxin u jixxiebhu, għax kull min hu vittma għandu wkoll, minħabba f'hekk, interess persunali, ma humiex identiċi, għax l-interess personali jista' wkoll ikun usa' (ara <u>Carmel Aquilina *v.* Il-Kummissarju tal-Pulizija *et*</u>, Kost 27/09/2019).

»Kwantu għal azzjoni taħt id-disposizzjoniijet tal-Kostituzzjoni li jħarsu d-drittijiet fondamentali huwa risaput li sabiex persuna tirradika d-dritt li tistwitwixxi proċeduri ġudizzjarji kontra terz trid qabel xejn turi l-interess ġuridiku biex tistitwixxi dik l-azzjoni liema interess irid ikun dirett, leġittimu u kif ukoll attwali u jrid joħroġ minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew li lilu jkun mistħoqq (ara <u>Anna Attard *et noe v.* Rev. Patri Serafin Abela *noe et*</u>, PA 12/12/2001). Fl-assenza ta' dan r-rekwiżit ma jistax jingħad li l-attur ikollu interess li jistitwixxi dik l-azzjoni u bħala konsewgenza l-konvenut għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu jiġi ritenut bħala mhux il-leġittimu kontradittur (mill-każ <u>Cecil Pace *v.* Emanuel A. Bonello</u>, App 24/09/2004).

»Dan l-interess ġuridiku jeħtieġ li jintwera f'kull waqt ta' proċediment bħal dak sal-għoti tas-sentenza. Huwa assodat fil-ġurisprudenza tagħna li l-interess ġuridiku għandu jissussisti f'kull stadju tal-kawża. Fil-fatt

jingħad li "L-interess irid ikun jeżisti mhux biss fil-bidu tal-kawża iżda jrid jipperdura matul is-smigħ kollu tagħha" (George Laferla *et v.* Joseph Lauri *et*, App 10/05/2005; Joseph Sammut *et v.* Carmelo Attard, App 17/02/1993 u *Britannia Catering Company Limited v.* Direttur tad-Dipartiment tal-Artijiet et, Kost 12/04/2011).

»Il-prinċipji li jistabilixxu x'għandu jkun dan l-interess ġuridku f'kawża 'ordinarja' għandu japplika wkoll għall-kawżi taħt il-proċedura speċjali ta' ksur ta' dritt fundamentali (ara Josephine Azzopardi *et v.* Onor. Prim Ministru *et*, Kost. 25/04/2018).

»Fil-każ in eżami r-rikorrent ma għandu ebda interess ġuridiku dirett fir-rigward ta' dawn il-kumpanniji billi, skont il-ligi kummerċjali tagħna, is-soċjetajiet kummerċjali regolarment kostitwiti jikkostitwixxu personalità legali diversa mill-personalità individwali tal-membri li jikkomponuha.

»Ma hemm l-ebda dubju li kull azzjonisti jew soċju f'soċjeta li għandha personalità legali distinta minn dik tal-membri tagħha għandu drittijiet u obbligi personali li jispettaw lilu bħala azzjonista li huma però distinti mid-drittijiet u obbligi spettanti tal-istess soċjeta (Cecil Pace *et v.* Emanuel Bonello, App 31/07/1996). L-assi tas-soċjetà jibqgħu proprjetà tagħha *in vista* tal-personalità ġuridika differenti tagħha. L-azzjonisti individwali mhumiex partijiet f'azzjoni ġudizzjarja istitwita minn jew kontra s-soċjetà.

»Ir-rikorrent jirrikonoxxi dana u fil-kawza Anthony Galdes *noe et v.* Lawrence Borg *et*, PA 01/03/2004, ir-rikorrent kien eċċepixxa li:

> »"Fl-ewwel lok illi t-taħrika li saret kontra tiegħu personalment bħala azzjonista m'hijiex sostenibbli peress illi l-azzjonista f'soċjetà kummerċjali ma jirrappreżentax l-istess soċjetà ġuridika differenti u l-Bank Centrali daħal fi ftehim ma' soċjetajiet u mhux ma' individwi."

»Ir-rikorrent jirrikonoxxi li hu ma jwieġibx għaż-żewġ kumpanniji billi l-personalità legali ta' kumpanniji u dik tiegħu huma distinti. Hu personalment ma kienx iwieġeb għal azzjoni ġudizzjarja istitwita minnhom, jew kontra tagħhom.

»Għalhekk ir-rikorrent ma ghandu ebda interess ġuridiku f'dawn iż-żewġ kumpanniji fir-rigward tal-ilment kostituzzjonali tagħhom u personalment ma ġarrab ebda ksur ta' xi wieħed mill-jeddijiet fundamentali imsemmija fir-rikors.

»Min-naħa l-oħra, f'azzjoni fuq allegat ksur ta' xi jedd fundamentali, il-Konvenzjoni nnifisha tistabilixxi min jista' jitqies bħala l-"vittma" li jistħoqqilha l-ħarsien u r-rimedju għal ksur bħal dak.

»L-artikolu 34 tal-Konvenzjoni jgħid li:

> »"Il-Qorti tista' tirċievi applikazzjonijiet mingħand kwalunkwe persuna, organizzazzjoni non-governattiva jew grupp ta' individwi li jsostnu li huma vittmi ta' ksur minn naħa ta' wieħed mill-Partijiet Għolja Kontraenti tad-drittijiet kif msemmija fil-Konvenzjoni jew fil-Protokolli tagħha. Il-Partijiet Għolja Kontraenti jimpenjaw ruħhom li ma jfixklux bl-ebda mod l-eżerċizzju effettiv ta' dan id-dritt."

»Skont il-ġurisprudenza tal-qorti ta' Strasbourg il-kunċett ta' vittma ta' ksur ta' drittijiet fondamentali jinkludi kemm il-vittmi diretti kif ukoll il-vittmi indiritti ta' tali ksur. Dan għaliex:

> »“Article 34 concerns not just the direct victim or victims of the alleged violation, but also any indirect victims to whom the violation would cause harm or who would have a valid and personal interest in seeing it brought to an end (see, *mutatis mutandis*, Defalque *v.* Belgium, nº 37330/02, § 46, 20 April 2006, and Tourkiki Enosi Xanthis and Others *v.* Greece, nº 26698/05, § 38, 27 March 2008).

»F’dan il-każ il-vittmi diretti, kieku għadhom reġistrati, kienu jkunu l-kumpanniji *Cerviola Hotel Limited* u *Cerviola Holiday Limited* billi huma kienu t-*tour operators* li lilhom kienet tmiss l-i*Special Guaranteed Pound Sterling Rate Scheme*, u mhux lir-rikorrent personalment. Ir-rikorrent fetaħ il-kawża kontra s-*Central Bank* biex jattakka d-deċizjoni tal-bank f’isem il-kumpannija *Cerviola Holidays Ltd* u mhux f’ismu personali. *Inoltre* r-rikorrent kien eċċepixxa fil-kawza Galdes *v.* Borg li kien il-Bank Ċentrali li daħal fi ftehim ma’ soċjetajiet u mhux ma’ individwi.

»Għalhekk ir-rikorrent ma jikkawlifikax bħala vittma diretta fir-rigward tal-azzjoni konvenzjonali fuq allegat ksur ta’ xi jedd fundamentali.

»Għal dak li jirrigwarda l-“vittma indiretta” (f’dan il-kaz ir-rikorrent personalment), il-*Practical Guide on Admissibility Criteria* jistabilixxi li :

> »“The Court may accept an individual application from a person considered an indirect victim, where there is a personal and specific link between the direct victim and the applicant.”

»Però:

> »“39. It falls first to the national authorities to redress any alleged violation of the Convention. Hence, the question whether an applicant can claim to be a victim of the violation alleged is relevant at all stages of the proceedings before the Court (Scordino *v.* Italy (nº 1) [GC], § 179; Rooman *v.* Belgium [GC], §§ 128-133). In this regard, the applicant must be able to justify his or her status as a victim throughout the proceedings (Burdov *v.* Russia, § 30; Centro Europa 7 S.r.l. and Di Stefano *v.* Italy [GC], § 80).”

»Skont il-ġurisprudenza tal-qorti ta’ Strasbourg:

> »“Shareholders in a company cannot claim to be victims of a violation of the company’s rights under Article 1 of Protocol Nº 1 (Agrotexim and Others *v.* Greece, §§ 62 and 64), save in exceptional circumstances (Camberrow MM5 AD *v.* Bulgaria (dec.)”;

»Fil-kaz Centro Europa 7 S.r.l. and Di Stefano *v.* Italy [GC], § 92) ingħad hekk:

> »“92. The Court reiterates that the term “victim” used in Article 34 of the Convention denotes the person directly affected by the act or omission which is in issue (see, among other authorities, Vatan *v.* Russia, nº 47978/99, § 48, 7 October 2004). It further reiterates that a person cannot complain of a violation of his or her rights in proceedings to which he or she was not a party, even if he or she was a shareholder and/or director of a company which was party to the proceedings (see, among other authorities, F. Santos, Lda. and Fachadas *v.* Portugal (dec.), nº 49020/99, ECHR 2000-X, and Nosov *v.* Russia (dec.), nº 30877/02, 20 October 2005). Furthermore, while in certain circumstances the sole owner of a company can claim to be a “victim” within the meaning of Article 34 of the

> Convention where the impugned measures were taken in respect of his or her company (see, among other authorities, Ankarcrona v. Sweden (dec.), nº 35178/97, ECHR 2000-VI, and Glas Nadezhda EOOD and Anatoliy Elenkov, cited above, § 40), when that is not the case the disregarding of a company's legal personality can be justified only in exceptional circumstances, in particular where it is clearly established that it is impossible for the company to apply to the Convention institutions through the organs set up under its articles of incorporation or – in the event of liquidation – through its liquidators (see Meltex Ltd and Movsesyan v. Armenia, nº 32283/04, § 66, 17 June 2008; see also Agrotexim and Others v. Greece, 24 October 1995, § 66, Series A nº 330-A; CDI Holding Aktiengesellschaft and Others v. Slovakia (dec.), nº 37398/97, 18 October 2001; and Amat-G Ltd and Mebaghishvili v. Georgia, nº 2507/03, § 33, ECHR 2005-VIII).

»Fil-każ in eżami r-rikorrent ma kienx is-*sole owner* tal-kumpannija in kwistjoni u skont il-każistika tal-qorti ta' Strasbourg hu ma jikkwalifikax anke jekk kien *shareholder* jew direttur. *Inoltre* kieku l-kumpanniji kienu għadhom registrati, huma kienu jkunu intitolati jressqu l-ilmenti tagħhom f'kawża f'isimhom. Fil-fatt għalkemm l-allegat aġir illegali tal-Bank Central jirrisali għall-1990 (ara kawża ippreżentata mill-Bank Ċentrali kontra Lawrence Borg u ż-żewġ kumpanniji) il-kumpanniji ġew xolti biss fl-2016. Huma kellhom biżżejjed żmien biex jaġixxu għall-allegat ksur tad-drittijiet taghħom. Għalhekk fil-fehma ta' din il-qorti r-rikorrent lanqas jista' jiġi kkunsidrat bhala vittma indiretta.

»Għalhekk iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati għandhom jiġu milqugħa.«

12. L-atturi appellaw b'rikors tal-15 ta' Marzu 2021 li għalih wieġeb l-Avukat tal-Istat fit-23 ta' Marzu 2021 u l-Bank Ċentrali fil-5 ta' April 2021.

13. Qabel tqis il-mertu tal-appell il-qorti sejra tqis l-eċċezzjoni ta' nullità tal-appell tas-soċjetajiet appellanti mressqa fit-tweġiba tal-Bank Ċentrali. Il-Bank Ċentrali jgħid illi l-appell magħmul f'isem is-soċjetajiet atturi ma jiswiex għax l-ebda waħda minnhom ma kienet teżisti meta nfetħet il-kawża, u għalhekk ma setgħux jiġu preżentati atti ġudizzjarji f'isimhom. Din l-eċċezzjoni tal-Bank Ċentrali ġiet imfissra hekk:

»9. L-esponenti teċċepixxi preliminarjament li l-appell preżentat f'isem is-soċjetajiet *Cerviola Hotel Limited* u *Cerviola Holidays Limited* huwa null u bla effett.

»10. L-artikolu 4(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386), jipprovdi li "soċjetà kummerċjali għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membru jew tal-membri tagħha, u l-imsemmija personalità ġuridika

> tibqa' sseħħ sakemm l-isem tas-soċjetà kummerċjali ma jiġix imħassar mir-reġistru, u b'hekk is-soċjetà kummerċjali tieqaf teżisti".
>
> »11. Mill-provi ġie stabbilit konklużivament li, fil-mument li ġiet preżentata l-kawża, ebda waħda miż-żewġ kumpanniji rikorrenti ma kienet teżisti. Għalhekk Lawrence Borg lanqas ma seta' jirrappreżentahom jew jippreżenta atti f'isimhom. Iż-żewġ kumpanniji kienu waqfu jeżistu u konsegwentement kienet laħqet spiċċat għal kollox il-personalità ġuridika distinta tagħhom.
>
> »12. Parti f'kawża tista' tkun biss persuna fiżika kapaċi skond il-liġi, jew persuna ġuridika vestita bil-personalità. Mill-mument li l-kumpanniji rikorrenti tilfu l-eżistenza ġuridika tagħhom, għax ġew xjolti u tħassru mir-Reġistru tal-Kumpanniji, dawn la setgħu jkunu parti fil-kawża, u wisq inqas setgħu jawtorizzaw lir-rikorrent Lawrence Borg jidher f'isimhom. Dan jgħodd kemm għal meta ġiet preżentata din il-kawża, u aktar u aktar llum wara li ġew preżentati provi konklużivi li ma jeżistux, u l-istess rikorrent ammetta li ma jeżistux. Lawrence Borg għalhekk ma setax, wara dak ir-rikonoxximent, jipproċedi ulterjorment f'isem dawn is-'soċjetajiet defunti', kif isejħilhom huwa stess, bl-appell odjern.«

14. Din l-eċċezzjoni hija tajba u għandha tintlaqa'.

15. Mill-atti[1] u wkoll mill-ammissjoni tal-attur Lawrence Borg[2] jidher ċar li meta nfetħet il-kawża, u aktar u aktar meta sar l-appell, il-personalità ġuridika tas-soċjetajiet atturi kienet diġà spiċċat peress li isem l-istess soċjetajiet kien diġà tħassar mir-Reġistru tal-Kumpanniji.

16. Il-qorti għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni u sejra tqis l-appell biss safejn magħmul minn Lawrence Borg *proprio*.

17. L-aggravju ta' Lawrence Borg jolqot id-deċiżjoni tal-ewwel qorti illi hu ma jikkwalifikax bħala vittma diretta jew indiretta ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Igħid illi għandu jitqies bħala vittma diretta għax huwa "l-uniku bniedem kolpit mill-miżuri u li għandu interess dirett, attwali u personali". Dan l-aggravju ġie mfisser hekk:

---

1 *Fol.* 94 *et seq.*

2 *Fol.* 126 *et seq*. u *fol.* 162 *et seq.*

»1. Il-qofol tal-aggravju tiegħu huwa dan: illi anke jekk iż-żewġ kumpanniji huma llum defunti, xorta waħda jrid jingħata dritt ta' azzjoni lir-rikorrent f'ismu … għall-ksib ta' rimedju biex jitħarsu d-drittijiet tiegħu li ġew vjolati jew inqerdu mill-Bank Ċentrali ta' Malta. *Ubi ius ibi rimedium*. Jekk seħħet vjolazzjoni ta' dritt fundamentali (ħaġa li trid tirriżulta fl-istadju tal-provi u mhux fl-istadju preliminari) għandu jingħata rimedju.

»2. Fis-sentenza appellata l-ewwel onorabbli qorti għamlet id-distinzjoni bejn "vittmi diretti" u "vittmi indiretti", u dan wara li qieset illi din id-distinzjoni tirrifletti l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea fir-rigward tal-artikolu 34 tal-Konvenzjoni Ewropea. L-ewwel qorti ċċitat din is-silta:

> »"Article 34 concerns not just the direct victim or victims of the alleged violation, but also any indirect victims to whom the violation would cause harm or who would have a valid and personali interest in seeing it brought to an end …"

»3. Għalhekk, jitqiesu eliġibbli għal rimedju taħt il-Konvenzjoni Ewropea mhux biss dawk li jissejħu "vittmi diretti", iżda wkoll dawk li jitqiesu "vittmi indiretti".

»"Vittma diretta"

»4. Lawrence Borg għandu jitqies kemm vittma diretta (*proprio*), kif ukoll – meqjusa l-kumpanniji li bihom huwa kien jiġġestixxi n-negozju tiegħu (*nomine*) – vittma indiretta.

»5. L-ewwel onorabbli qorti waslet għall-konklużjoni illi "Għahekk ir-rikorrent ma jikkwalifikax bħala vittma diretta fir-rigward tal-azzjoni konvenzjonali fuq allegat ksur ta' xi jedd fundamentali". Hija waslet għal dina l-konklużjoni billi kkunsidrat illi ż-żewġ kumpanniji "kienu t-*tour operators* li lilhom kienet tmiss il-*Special Guaranteed Pound Sterling Rate Scheme*, u mhux lir-rikorrent personalment". L-aggravju tal-appellant *proprio* jipprexxindi dina l-bażi msemmija mill-qorti biex waslet għall-imsemmija konklużjoni tagħha, u jistrieħ fuq kwistjoni oħra li l-ewwel qorti ma kkunsidratx.

»6. Il-bażi tal-aggravju ta' Lawrence Borg bħala vittma diretta tirrigwarda t-teħid ta' azzjonijiet punittivi jew dixxiplinarji kontra n-negozju tiegħu u t-teħid ta' proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, li minnhom huwa ġie kompletament illiberat.

»7. *Inoltre*, il-bażi tal-aggravju tiegħu tirrigwarda l-inforzar ta' deċiżjoni-jiet u azzjonijiet fil-konfront tan-negozju tiegħu minbarra l-proċeduri kriminali kontra tiegħu, meta jirriżulta illi l-kawża ċivili għad-danni magħmula mill-Bank Ċentrali ta' Malta kontra tiegħu ntilfet. Il-Qorti Ċivili Prim'Awla ċaħdet it-talbiet tal-Bank Ċentrali ta' Malta li kienu bbażati fuq l-allegati irregolaritajiet, liema allegazzjonijiet il-Bank Ċentrali naqas li jinvestiga korrettement. Dejjem ġie ritenut fil-ġurisprudenza ta' pajjiżna illi "elf suspett ma jagħmlux prova".

»… … …

»10. A skans ta' ripetizzjoni, l-appellanti qiegħed jagħmel riferenza għan-nota ta' sottomissjonijiet preżentata minnu fil-proċeduri fl-ewwel istanza fir-rigward tad-*dissenting opinion* tal-Professur John Cremona, Prim Imħallef Emeritus, fejn qal li meta persuna tiġi dikjarata mhux ħatja ta' reat mill-qorti, ma jista' jsir l-ebda "*appraisal of guilt*" fil-konfront tagħha. Fil-każ odjern, minkejja li l-appellant ġie ddikjarat mhux ħati u

lliberat, u minkejja li l-kawża ċivili magħmula mill-Bank Ċentrali ntilfet mill-bank, il-Bank Ċentrali xorta waħda baqa' jqis lill-appellant ħati li wettaq irregolaritajiet, b'riperkussjonijiet serji u finanzjarjament gravi ħafna – u dan minkejja wkoll li l-appellant kellu dokumenti li setgħu jippruvaw illi l-flus depożitati barra minn Malta kellhom bħala provenjenza l-wirt tal-ġenituri tiegħu. Intqal li ppreżentahom tard wisq fil-kawża, iżda dik mhix ħaġa rilevanti għall-finijiet tal-kawża kostituzzjonali odjerna.

»11. Għaldaqstant, l-ewwel qorti kellha tikkonkludi illi Lawrence Borg seta' jitqies "vittma diretta" u tordna l-prosegwiment tal-kawża. Iżda minflok, l-ewwel qorti kkonkludiet erronjament illi l-appellant *proprio* ma jikkwalifikax bħala "vittma diretta" fir-rigward tal-azzjoni konvenzjonali fuq allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali. Għalhekk, l-appellant jissottometti bir-rispett illi dina l-konklużjoni hija żbaljata u għandha tiġi revokata.

»"Vittma indiretta"

»12. Intqal qabel mill-appellant illi l-qofol tal-aggravji tiegħu huwa illi, anke jekk iż-żewġ kumpanniji huma llum defunti, xorta waħda jrid jingħata dritt ta' azzjoni lir-rikorrent f'ismu u fl-interess taż-żewġ kumpanniji għall-ksib ta' rimedju biex jitħarsu d-drittijiet tiegħu li ġew vjolati jew inqerdu mill-Bank Ċentrali ta' Malta. *Ubi ius ibi rimedium*. Jekk seħħet vjolazzjoni ta' dritt fundamentali (ħaġa li trid tirriżulta fl-istadju tal-provi u mhux fl-istadju preliminari) għandu jingħata rimedju.

»13. Dwar dina l-parti tal-aggravju tal-appellanti, irid jingħad qabel xejn illi f'paġna 12 tas-sentenza appellata ġiet ċitata silta mill-*Practical Guide on Admissibility Criteria* li tistabilixxi li:

> »"The Court may accept an individual application from a person considered an indirect victim, where there is a personal and specific link between the direct victim and the applicant."

»14. Jirriżulta illi Lawrence Borg kien mhux biss azzjonist iżda wkoll direttur tal-kumpannija estera u tal-kumpannija reġistrata f'Malta. Dan jorbot lil Lawrence Borg maż-żewġ kumpanniji li kien jiġġestixxi n-negozju tiegħu permezz tagħhom. Ir-rabta hija ferm ovvja. L-interessi kummerċjali u finanzjarji taż-żewġ kumpanniji kienu fil-fatt l-interessi kummerċjali u finanzjarji tiegħu wkoll.

»15. Intqal f'paġna 12 tas-sentenza appellata illi persuna fil-qagħda ta' Lawrence Borg tista' taġixxi fl-interess tal-vittmi l-oħra. "*… the disregarding of a company's legal personality can be justified only in exceptional circumstances, in particular where it is clearly established that it is impossible for the company to apply to the Convention institutions through the organs set up under its articles of incorporation or – in the event of liquidation – through its liquidators (see Meltex Ltd and Movsesyan v. Armenia, n$^{o}$ 32283/04, para. 66, 17 June 2008 …*".

»16. Issa, fil-każ preżenti, iż-żewġ kumpanniji huma *defunct*. Iżda dan il-fatt ma jnaqqas xejn mill-fatt illi Lawrence Borg kien jiġġestixxi n-negozju tiegħu *tramite* ż-żewġ kumpanniji rikorrenti (flimkien ma' Harry Cook) li spiċċaw fix-xejn b'riżultat dirett tal-azzjonijiet meħuda mill-Bank Ċentrali ta' Malta fil-konfront taż-żewġ kumpanniji. Lanqas *liquidators* ma ġew maħtura għaliex iż-żewġ kumpanniji spiċċaw it-tnejn falluti. Kwindi japplika dak li ntqal fil-paragrafu preċedenti, *stante* li hemm rabta diretta bejn ir-rikorrent Lawrence Borg u ż-żewġ kumpanniji rikorrenti.

»17. Il-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel onorabbli qorti illi m'hemmx "vittmi indiretti" hija bbażata fuq żewġ konsiderazzjonijiet: (i) li Lawrence Borg ma kienx *sole owner* tal-kumpannija in kwistjoni; (ii) li l-kumpanniji m'għadhomx reġistrati u għalhekk ma jistgħux jagħmlu kawża f'isimhom; (iii) li "għalkemm l-allegat aġir illegali tal-Bank Ċentrali jirrisali għal 1990 … il-kumpanniji ġew xolti biss fl-2016. Huma kellhom biżżejjed żmien biex jaġixxu għal allegat ksur tad-drittijiet tagħhom. Għalhekk fil-fehma ta' din il-qorti r-rikorrent lanqas jista' jiġi kkunsidrat bħala vittma indiretta". Iżda dan l-argument dwar trapass taż-żmien huwa bir-rispett kollu irrilevanti, iktar u iktar meta kien hemm sensiela ta' kawżi u appelli qabel dik tallum.

»18. Meta l-ewwel qorti rriteniet illi "fil-każ in eżami r-rikorrent ma għandu ebda interess ġuridiku dirett fir-rigward ta' dawn il-kumpanniji billi, skont il-liġi kummerċjali tagħna, is-soċjetajiet kummerċjali regolarment kostitwiti jikkostitwixxu personalità legali diversa mill-personalità individwali tal-membri li jikkomponuha", dan l-argument huwa wieħed li jgħodd fid-dritt kummerċjali ta' pajjiżna iżda mhux l-istess fir-rigward tal-posizzjoni skont il-ġurisprudenza taħt il-Konvenzjoni Ewropea, kif joħroġ mis-sentenza appellata stess fejn ġew ċitati prinċipji li jiddipartixxu mid-dottrina dwar personalità ġuridika, fosthom illi "*… the disregarding of a company's legal personality can be justified only in exceptional circumstances, in particular where it is clearly established that it is impossible for the company to apply to the Convention institutions through the organs set up under its articles of incorporation or – in the event of liquidation – through its liquidators (see Meltex Ltd and Movsesyan v. Armenia, nº 32283/04, para. 66, 17 June 2008 …*". Barra minn hekk, fejn il-qorti semmiet il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea fi Strasbourg applikabbli għall-Aatikolu 34, hija stess qalet illi "*Article 34 concerns not just the direct civtim or victims of the alleged violation, but also any indirect victims to whom the violation would cause harm or who would have a valid and personal interest in seeing brought to an end*". Għalhekk, il-posizzjoni mhix l-istess fil-liġi kummerċjali ta' pajjiżna u fil-liġi tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, iżda hija differenti. Difatti, fis-sentenza G.J. *v.* Luxembourg, il-Qorti Ewropea rriteniet kif ġej:

> »"However, in the present case the company was under liquidation and the complaint brought before the Court relates to the activities of the liquidators, i.e. the official receiver and the Commercial Court. In these circumstances the Court considers that it was not possible for the company, as a legal personality, at the time, to bring the case before the former Commission. Moreover, the Court recalls that the applicant held a substantial shareholding of 90% in the company. He was in effect carrying out his business through the company and has, therefore, a direct personal interest in the subject-matter of the complaint. Therefore, the Court finds that the applicant may claim to be a victim of the alleged violation of the Convention affecting the rights of the limited liability company.

»19. L-istess ġir ritenut fil-każ quddiem il-Qorti Ewropea Camberrow MM5 AD *v.* Bulgaria:

> »"However, in the present case DCB AD was first managed and represented by special administrators appointed by BNB and then, when it was declared bankrupt, by trustees in bankruptcy appointed by the court, while the application before the Court

> relates precisely to the complex of events leading to the appointment of the special administrators and the trustees and the actions of the trustees. … Moreover, the Court recalls that the applicant held a substantial shareholding of 98% in the bank. It was in effect carying out part (of) its business through the bank and has, therefore, a direct personal interest in the subject-matter of the application (see G.J. *v.* Luxembourg, nº 21156/93, para 24, 26 October 2000).
>
> »"Therefore, the Court finds that in the special circumstances of the present case the applicant may claim to be a victim of the alleged violations of the Convention affecting the rights of DCB AD."

»20. Għalhekk, konformement ma' din il-ġurisprudenza ta' Strasbourg, Lawrence Borg – minbarra li għandu jiġi rikonoxxut bħala "vittma diretta" kif imfisser fuq – għandu jiġi rikonoxxut ukoll bħala "vittma indiretta."

»21. Filwaqt li l-Qorti Ewropea f'dan il-każ jixxiebah ddikjarat illi "*He was in effect carrying out his business through the company and has, therefore, a direct personal interest in the subject-matter of the complaint. Therefore, the Court finds that the applicant may claim to be a victim of the alleged violation of the Convention affecting the rights of the limited liability company*", fil-każ odjern l-ewwel qorti ddikjarat illi "r-rikorrent lanqas jista' jiġi kkunsidrat bħala vittma indiretta", u dan wara li rriteniet illi "f'dan il-każ il-vittmi diretti, kieku għadhom reġistrati, kienu jkunu l-kumpanniji *Cerviola Hotel Limited* u *Cerviola Holidays Limited* billi huma kienu t-*tour operators* li lilhom kienet tmiss l-i*Special Guaranteed Pound Sterling Rate Scheme*, u mhux lir-rikorrent personalment". Il-kuntrast ġurisprudenzjali huwa notevoli u għalhekk l-aggravju għandu jiġi milqugħ u bid-dovut rispett is-sentenza appellata għandha tiġi revokata.

»22. A skans ta' kull ekwivoku l-appellanti jissentetizza r-raġunijet għala l-eċċezzjonijiet preliminari tal-bank intimat għandhom jiġu miċħuda kif ġej:

»1) in kwantu għall-eċċezzjoni preliminari li "kull wieħed mir-rikorrenti għandu jipprova l-interess ġuridiku tiegħu biex jipproponi u jipprosegwi din il-kawża" l-appellant jgħid illi rnexxielu juri illi kemm ir-rikorrent *proprio* kif ukoll iż-żewġ kumpanniji rikorrenti ġew kolpiti finanzjarjament u ġarrbu telf ta' somom kbar ta' flus speċjalment bit-telf tal-*ATOL Licence* maħruġa mis-*Civil Aviation Authority* fl-Ingilterra, b'riżultat tal-azzjonijiet u deċiżjonijiet meħuda mingħajr investigazzjoni korretta mill-Bank Ċentrali ta' Malta, u konsegwentement it-tliet (3) rikorrenti għandhom "*victim status*" stante li ġew serjament ippreġudikati;

»2) in kwantu għall-eċċezzjoni preliminari li "r-rikorrent Lawrence Borg għandu jipprova r-rappreżentanza tiegħu tas-soċjetajiet *Cerviola Hotel Limited* u *Cerviola Holidays Limited*, kif ukoll l-awtorizzazzjoni tagħhom biex jippreżentaw din il-kawża, rajna kif il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tipprexxindi dawn il-problemi proċedurali u teżamina l-kwistjoni ċentrali minn ottika jew perspettiva differenti, u dan peress li Lawrence Borg kien qed jiġġestixxi n-negozju tiegħu *tramite* ż-żewġ kumpanniji, li ġew falluti mill-Bank Ċentrali ta' Malta b'riżultat tal-azzjonijiet u deċiżjonijiet meħuda mill-uffiċjali tiegħu mingħajr investigazzjoni korretta. Rajna wkoll kif anke jekk iż-żewġ kumpanniji huma llum defunti, xorta waħda jrid jingħata dritt ta' azzjoni lir-rikorrent f'ismu u fl-interess taż-

żewġ kumpanniji għall-ksib ta' rimedju biex jitħarsu d-drittijiet tiegħu li ġew vjolati jew inqerdu mill-Bank Ċentrali ta' Malta. *Ubi ius ibi rimedium*. Jekk seħħet vjolazzjoni ta' dritt fundamentali (ħaġa li trid tirriżulta fl-istadju tal-provi u mhux fl-istadju preliminari) għandu jingħata rimedju.

»23. Rajna wkoll kif ir-rikorrenti ħadu azzjoni fl-1996 permezz ta' kawża ċivili u proċeduri kostituzzjonali. Dak iż-żmien, ir-rappreżentanza ġiet aċċettata. Wara li l-kumpanniji spiċċaw falluti minħabba l-aġir illegali u abbużiv da parti ta' ċerti uffiċjali tal-Bank Ċentrali u ma għalhekk ma ġiex appuntat stralċjarju, l-uniku bniedem kolpit mill-miżuri u li għandu interess dirett, attwali u personali huwa Lawrence Borg personalment kif ukoll *qua* azzjonista u direttur taż-żewġ kumpanniji falluti li però baqgħu mingħajr rimedju.

»… … …«

18. L-Avukat tal-Istat wieġeb hekk:

»36. … … … naraw jekk Lawrence Borg għandux f'ismu stess dak l-interess ġuridiku meħtieġ biex huwa jkun jista' jiftaħ u jmexxi din il-kawża;

»37. Fl-aggravju tiegħu l-appellant *pro et noe* jisħaq li l-interess personali tiegħu biex jissokta f'din il-kawża jinsab muri mill-fatt li huwa għandu jitqies bħala vittma kemm diretta u kif ukoll indiretta, billi huwa kien il-persuna fiżika li kienet tmexxi *Hotel Cerviola Limited* u *Cerviola Holidays Limited*.

»38. Tassew wieħed mill-presupposti proċesswali biex persuna jkun jista' jressaq azzjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali huwa li juri li huwa vittma attwali jew potenzjali tal-vjolazzjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali ... ... ...

»39. Mhuwiex permessibbli li persuna tressaq azzjoni popolari bħalma lanqas ma jistgħu jitressqu ilmenti li mill-bixra tagħhom huma astratti ... ... ...

»40. Wisq loġikament, għall-finijiet ta' stħarriġ ta' *locus standi*, ir-rikorrent li jressaq l-azzjoni kostituzzjonali mhuwiex mitlub li jipprova mill-ewwel li huwa vittma tal-leżjonijiet allegati iżda, kif jesprimu l-fehma tagħhom l-awturi Pieter van Dijk, Godefridus J.H. Hoof, G. J. H. Van Hoof fix-xogħol tagħhom *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*, dak li huwa meħtieġ hu li,

> »"the applicant must be a person claiming to be the victim (*qui se prétend victime*). However this does not mean that the mere submission of the applicant that he is a victim, is in itself sufficient. The requirement of victim implies that the violation of the Convention must have affected the applicant in some way. According to the well-established case-law the word victim in article 25 (illum 34) refers to the persons directly affected by the act or omission at issue."

»41. F'kull każ l-istat tal-vittma jeħtieġ li jkun marbut mal-mertu u mal-fattizzi tal-każ in speċje … … …

»42. F'din il-qagħda, huwa xieraq li jingħad li s-sentenzi fuq ċitati u l-ġurisprudenza u l-argumenti kollha msemmija mill-appellant *pro et noe* fl-appell tiegħu strettament jikkonċernaw l-ammissibilità ta' applikazz-

jonijiet imressqa quddiem l-organi ġudizzjarji fi Strasburgu taħt il-Konvenzjoni Ewropea, madankollu l-prinċipji mnissla minn dawn is-sentenzi b'rabta mal-kunċett ta' vittma jgħoddu wkoll għall-ammissibilità ta' azzjonijiet kostituzzjonali quddiem il-qrati tagħna.

»43. Kemm hu hekk, skont l-artikolu 4(1) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-azzjoni kostituzzjonali tmiss biss lil persuna li tallega li xi wieħed mill-jeddijiet tagħha jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun x'aktarx ser jiġi miksur. Għalhekk l-azzjoni kostituzzjonali f'Malta, bħal petizzjoni quddiem l-organi ġudizzjarji ġewwa Strasburgu, b'eċċezzjoni għall-każijiet ta' kuraturi maħtura mill-qorti, tista' tiġi kkontemplata biss mill-persuna li direttament tkun qed tallega li ġarrbet it-tiġrib.

»44. Jiġifieri bħala regola ġenerali u skont prattika stabbilita, vittmi diretti biss li jaġixxu fil-kapaċità personali tagħhom, għandhom il-jedd li jfittxu u jitolbu rimedju kostituzzjonali jew konvenzjonali.

»45. Fil-każ tagħna, il-qofol tal-ilment tal-appellant *pro et noe* jmiss mal-fatt li l-kumpannija *Cerviola Holidays Limited* (illum maħlula) kienet tilfet il-benefiċċju li kienet tieħu mill-iskema ta' *Special Guaranteed Fund Sterling Rate Scheme*, maħruġa mill-Gvern Malti fl-1986. L-appellant *pro et noe* qed jgħid f'din il-kawża li din id-deċiżjoni marbuta mal-waqfien tal-benefiċċju mill-iskema ttieħdet bi ksur tal-jeddijiet fundamentali.

»46. Fil-qosor l-ilmenti kostituzzjonali jistgħu jinġabru hekk: (i) ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza għaliex skont l-appellant *pro et noe Cerviola Holidays Limited* ma baqgħetx tieħu l-benefiċċju għaliex kienu nbdew proċeduri kriminali kontra Lawrence Borg; (ii) dewmien żejjed fil-kawża ċivili 2959/1996 marbuta mal-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali ta' Malta meta ma aċċettax l-applikazzjonijiet ta' *Cerviola Holidays Limited*; (iii) ksur tal-prinċipju tan-*ne bis in idem*; (iv) nuqqas ta' rimedju effettiv; (v) diskriminazzjoni għaliex il-Bank Ċentrali ta' Malta mexa mod ieħor ma' ħaddieħor fl-istess ċirkostanzi; u (vi) tfixkil fit-tgawdija tal-proprjetà.

»47. Mill-perspettiva ta' dawn l-ilmenti, huwa bil-wisq evidenti li Lawrence Borg ma jistax jgħodd lilu nnifsu bħala vittma diretta ta' dak li ġara lil *Cerviola Holidays Limited*. Lawrence Borg qatt ma kellu f'ismu l-benefiċċju marbut mas-sistema tal-*foreward buying rate*. Il-benefiċċju tilfitu *Cerviola Holidays Limited* u mhux Lawrence Borg.

»48. Terġa u tgħid, l-istess Lawrence Borg, waqt il-kontro-eżami tiegħu miżmum fit-3 ta' Diċembru 2020, ikkonferma li din l-iskema ma kinitx tgħodd għalih personali.

»49. L-ilment kostituzzjonali dwar it-telf tal-benefiċċju tal-iskema, jekk xejn, jista' jitressaq biss mill-kumpannija *Cerviola Holidays Limited* għaliex kienet hi li tilfet dak il-benefiċċju. Madankollu, kif rajna l-kumpannija *Cerviola Holidays Limited* illum spiċċat għaliex ġiet mħassra mir-Reġistru tal-Kumpanniji.

»50. Jiġi b'hekk li hija *Cerviola Holidays Limited* biss li jekk xejn tista' tallega li hija vittma diretta tal-fatt li l-Bank Ċentrali ddeċieda li ma jibqax itiha dak il-benefiċċju.

»51. Il-fatt li Lawrence Borg seta' kien azzjonist, direttur jew is-sid ta' din il-kumpannija barranija huwa kollu irrilevanti għaliex huwa prinċipju

miżmum fil-liġi tal-kumpanniji (ara artikolu 4(4) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta) illi soċjetà b'responsabbiltà limitata għandha personalità ġuridika separata u distinta minn dik tal-azzjonisti u tal-membri li jgħaqqduha … … …

»52. Ngħaddu biex naraw issa jekk Lawrence Borg jistax jitqies bħala vittma indiretta;

»53. Bħala punt ta' dritt, f'ċirkostanzi straordinarji ġie aċċettat anke mill-qrati Ewropej, kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali, li lmenti ta' vjolazzjoni-jiet jistgħu jitressqu wkoll minn qraba u dan minkejja li dawn ma jkunux vittmi huma stess tal-allegati leżjonijiet. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-applikanti jitqiesu bħala vittmi indiretti (ara <u>Lawrence Grech *et v.* Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) *et*</u> deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Mejju 2015).

»54. Tabilħaqq il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem iġġustifikat din l-applikazzjoni għar-regola tal-vittma indiretta fil-każijiet li jinvolvu d-dritt tal-ħajja minħabba n-natura pekuljari tal-vjolazzjoni mixlija u sabiex ikun hemm implimentazzjoni effettiva ta' waħda mid-dispożizzjonijiet l-aktar fundamentali li tinsab fis-sistema tal-Konvenzjoni Ewropea.

»55. Terġa' u tgħid, f'ċirkostanzi aktar straordinarji, il-kunċett tal-vittma indiretta ġie mġebbed ukoll għal ilmenti dwar kumpanniji. Il-*Practical Guide on Admissibility Criteria* aġġornat mill-Kunsill tal-Ewropa fit-30 ta' April 2020 jgħid hekk fuq is-suġġett:

> »"As regards complaints pertaining to companies …. the Court has considered that a person cannot complain of a violation of his or her rights in proceedings to which he or she was not a party, even if he or she was a shreholder and / or director of a company which was party to the proceedings … However, in certain circumstances the sole owner of a company can claim to be a "victim" within the meaning of Article 34 where the impugned measures were taken in respect of his or her company … In this situation, there is no risk of a difference of opinion among shareholders, or between shareholders and a board of directors, as to any infringements of the rights protected by the Convention and its Protocols or concerning the most appropriate way of reacting to any such infringement. When that is not the case and competing interests could create difficulties, the disregarding of a company's legal personality can be justified only in exceptional circumstances, in particular where it is clearly established that it is impossible for the company to apply to the Court through the organs set up under its articles of incorporation or – in the event of liquidation – through its liquidators … Such exceptions could also be accepted where the acts or decisions complained of related to the actions of persons such as a liquidator acting on the company's behalf … or where the measures complained of consisted of the cancellation of shares belonging to the applicant and were directly aimed at the applicant's rights as a shareholder …"

»56. Jekk wieħed kellu jħaddem dawn il-prinċipji għall-każ tagħna, wieħed ma jistax ħlief jasal għall-konklużjoni li f'dan il-każ ma jeżistux dawk iċ-ċirkostanzi straordinarji msemmija fil-ġurisprudenza biex Lawrence Borg jista' jitqies bħala vittma indiretta.

»57. Ibda biex, *Cerviola Holidays Limited* ġà kienet fetħet kawża kostituzzjonali bin-numru 19/2007 minħabba l-fatt li kien twaqqfilha l-benefiċċju tal-iskema. Għalhekk Lawrence Borg ma jistax jgħid li huwa fetaħ din il-kawża f'isemu stess għaliex kien hemm xi xkiel li kien qiegħed iżomm lil *Cerviola Holidays Limited* milli tmexxi l-kawża għal rasha. Ġeneralment f'dan il-qasam il-vittma indiretta tidħol fix-xena, jekk il-vittma diretta ma tkunx tista' tiftaħ jew tkompli l-kawża hija stess;

»58. Bħalma ntqal fis-sentenza Agrotexim u oħrajn *v.* Il-Greċja deċiża fl-1995,

> »"The piercing of the 'corporate veil' or the disregarding of a company's legal personality will be justified only in exceptional circumstances, in particular where it is clearly established that it is impossible for the company to apply to the Convention institutions through the organs set up under its articles of incorporation or – in the event of liquidation – through its liquidators."

»59. B'żieda ma' dan, Lawrence Borg ma jistax jgħid li huwa ġarrab xi preġudizzju personali. Kemm hu hekk, meta Lawrence Borg kien fetaħ il-kawża ċivili bin-numru ta' riferenza 2959/1996 biex jattakka d-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali ta' Malta minħabba l-waqfien tal-benefiċċju tal-iskema, l-imsemmi Lawrence Borg kien fetaħ il-kawża f'isem il-kumpannija *Cerviola Holidays Limited* u mhux fuq ismu personali.

»60. Bl-istess mod, meta l-Bank Ċentrali ta' Malta kien fetaħ il-kawża 463/1990 kontra tiegħu biex huwa flimkien ma' *Hotel Cerviola Limited* u *Cerviola Holidays Limited* jiġu ddikjarati li kissru l-kundizzjonijiet tal-iskema u jħallsu d-danni li wettqu, Lawrence Borg kien wieġeb li huwa tħarrek bla bżonn fil-kawża għaliex personalment huwa ma kellu x'jaqsam xejn fil-kwestjoni tal-iskema.

»61. Jingħad ukoll li kif tajjeb semmiet l-ewwel onorabbli qorti, Lawrence Borg ma kienx l-uniku sid tal-kumpannija *Cerviola Holidays Limited* għaliex flimkien miegħu kien hemm ukoll Harry u Diana Cook.

»62. Fl-aħħarnett, skont il-ġurisprudenza, azzjonisti ma jistgħux fil-prinċipju jiġu identifikati mal-kumpannija tagħhom u jitqiesu bħala vittmi indiretti sakemm dik il-ħsara ma tolqotx xi ġid personali tagħhom jew xi jeddijiet li huma jgawdu fil-kumpannija, bħal ngħidu aħna dividendi, voti jew sehem mill-assi tal-kumpannija wara l-likwidazzjoni.

»63. Fil-każ tagħna d-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali ta' Malta li tiċħad l-applikazzjonijiet ta' *Hotel Cerviola Limited* ma naqqru l-ebda wieħed mill-jeddijiet li Lawrence Borg kien igawdi b'mod personali fuq il-kumpannija *Hotel Cerviola Limited*. Lawrence Borg ma tilef l-ebda kontroll fuq din il-kumpannija minħabba l-fatt waħdu li l-Bank Ċentrali ta' Malta kien iddeċieda li jħallihiex tibqa' tibbenefika mill-iskema tal-1986.

»64. Għalkemm l-appellant *pro et noe* jgħid fl-appell tiegħu li kemm din il-kumpannija barranija u kif ukoll il-kumpannija *Hotel Cerviola Limited* fallew sewwasew minħabba l-fatt li dan il-benefiċċju ma baqax jingħata, l-esponent bla tlaqliq jgħid li huwa ma jinsab impressjonat xejn b'din is-sottomissjoni. Dan qed jingħad mhux biss għaliex l-għeluq ta' dawn il-kumpanniji ma sarx minnufih wara li l-Bank Ċentrali ta' Malta kien waqqaf il-benefiċċju iżda dan sar aktar minn ħmistax-il sena wara; iżda anke għaliex ma jistax jitwemmen li dawn il-kumpanniji fallew biss għaliex huma ma baqgħux iktar igawdu mill-iskema marbuta mar-rata tal-kabju fissa bejn il-lira Sterlina u l-Lira Maltija.

»65. Meta wieħed iqis kollox għalhekk, wieħed ma jistax jaqbel mal-appellant *pro et noe* fil-kritika tiegħu kontra s-sentenza appellata. Anzi fil-fehma tal-esponent, id-deċiżjoni meħuda mill-ewwel onorabbli qorti hija waħda tajba u b'hekk jixirqilha li tiġi kkonfermata kollha kemm hi.«

19. Il-Bank Ċentrali wieġeb hekk:

»Karenza ta' Interess Ġuridiku

»13. Mingħajr preġudizzju, Lawrence Borg personalment u s-soċjetà *Cerviola Hotel Limited* (kieku kienet għadha teżisti) ma għandhomx, u lanqas jista' jkollhom, l-interess ġuridiku neċessarju biex jippromwovu din l-azzjoni.

»Kif jingħad fis-sentenza fl-ismijiet Saviour Scerri *et v.* Salvu Farrugia *et* (PA 1/10/2002), l-azzjoni ċivili għandha tiġi istitwita sabiex dritt jiġi mwettaq u għandha tiġi istitwita minn min għandu dak id-dritt. Jekk jonqsu dawn l-elementi l-azzjoni tkun infondata u inammissibbli. L-interess ġuridiku jrid ikun reali u attwali u għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jiġi stabbilit in-ness ġuridiku bejn l-aġir abbużiv u llegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali għal tali aġir.

»Dawn l-istess prinċipji japplikaw fil-kawżi dwar drittijiet fundamentali quddiem il-qrati ta' Malta.

»14. Fil-każ ta' ksur ta' drittijiet fondamentali taħt il-Kostituzzjoni, ir-rikorrent ukoll jeħtieġ li juri li għandu interess ġuridiku fl-azzjoni proposta minnu, li jkun attwali u personali għalih. L-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jagħmilha ċara li persuna tista' tipproċedi b'azzjoni għal ksur tad-drittijiet fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jekk tallega li xi waħda mid-dis-posizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni tkun ġiet, qed tiġi, jew x'aktarx ser tiġi miksura dwar dik l-istess persuna li tressaq it-talba. Għalhekk persuna li jallega ksur ta' dritt fondamentali trid turi interess ġuridiku fis-sens li l-ksur allegati huwa 'dwarha' (fit-test bl-ingliż "*in relation to him*").

»15. Fil-każ tal-Konvenzjoni Ewropea, biex persuna taġixxi quddiem il-Qorti Ewropea trid turi li hija vittma fis-sens li l-ksur jirreferi għaliha.

»Dan jixbah l-interess ġuridiku meħtieġ għall-azzjoni quddiem il-qrati Maltin, iżda ma huwiex għal kollox identiku għalih. Taħt il-liġi ta' Malta, fil-każ tal-proċeduri quddiem il-qrati Maltin għall-ksur ta' drittijiet fonda-mentali taħt il-Konvenzjoni Ewropea, kif rikonoxxuti u promulgati bl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319), is-sitwazzjoni hija l-istess bħal dik għal azzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali protetti taħt il-Kostit-uzzjoni ta' Malta. Infatti, l-artikolu 4(1) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea juża l-istess kliem, u huwa fis-sustanza identiku, għall-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

»F'dan ir-rigward, l-esponent jaqbel mal-konklużjoni tal-ewwel qorti fis-sens li "l-prinċipji li jistabilixxu x'għandu jkun dan l-interess ġuridiku f'kawża 'ordinarja' għandu japplika wkoll għal-kawżi taħt il-proċedura speċjali ta' ksur ta' dritt fundamentali …".

»16. Jirriżulta mill-provi prodotti li kienet is-soċjetà estera *Cerviola Holidays Limited* li applikat taħt l-iskema ta' *Special Guaranteed Pound Sterling Rate*. Din biss, għalhekk, setgħet potenzjalment kellha interess li tipproċedi b'din l-azzjoni, billi din biss setgħet targumenta li batiet xi ħsara.

»17. Lawrence Borg personalment u *Cerviola Hotel Limited* ma batew ebda konsegwenza diretta. Din il-konklużjoni tibqa' tgħodd anke kieku, għas-saħħa tal-argument, kellu jinstab li l-ilmenti mressqa f'din il-kawża huma ġustifikati. Lawrence Borg innifsu, fil-kawża Anthony Galdes *noe* *etv.* Lawrence Borg *et* (ċitazz. 463/1990), kien eċċepixxa li t-taħrika li saret kontra tiegħu personalment ma kinitx sostenibbli peress li, bħala azzjonista, ma jirrappreżentax lis-soċjetà ġuridika, u l-Bank Ċentrali daħal fi ftehim mas-soċjetajiet u mhux mal-individwi parteċipi fihom. L-esponent jaqbel ma' din is-sottomissjoni; Lawrence Borg personalment ma kellu ebda relazzjoni mal-Bank Ċentrali fl-iskema ta' *Special Guaranteed Pound Sterling Rate* u għalhekk ma għandux, u ma jistax ikollu, interess ġuridiku dirett u personali fl-azzjoni preżenti.

»18. Lanqas is-soċjetà *Cerviola Hotel Limited* (kieku kienet għadha teżisti) ma jista' jkollha interess ġuridiku dirett fir-rigward tal-iskema msemmija, għaliex il-ftehim tal-Bank Ċentrali kien mat-tour operator, li kienet is-soċjetà estera *Cerviola Holidays Limited*, u ħadd aktar.

»19. F'kull każ, l-ewwel qorti iddeċidiet tajjeb ukoll meta kkonkludiet li, għall-finijiet ta' proċeduri taħt il-Konvenzjoni Ewropea, Lawrence Borg la jikkwalifika bħala vittma diretta u lanqas bħala vittma indiretta.

»Din id-distinzjoni bejn vittma diretta u vittma indiretta, kif spjegat l-ewwel qorti, hija żvilupp ġurisprudenzjali tal-Qorti Ewropea bażat fuq l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni. Fl-appell tiegħu, Lawrence Borg qabad ma' din id-distinzjoni li semmiet l-ewwel qorti u bidel is-sottomissjonijiet li ressaq quddiem l-ewwel qorti biex issa jargumenta li huwa kemm vittma diretta, għaliex jgħid li ttieħdet azzjoni punittiva kontra n-negozju tiegħu, u proċeduri kriminali kontra tiegħu. F'din l-argumentazzjoni tiegħu, l-appellant jibbaża ruħu fuq fatti li ma jirriżultawx mill-provi mressqa f'din il-kawża, u li huma kontestati.

»20. L-aggravju prinċipali tar-rikorrent appellant, li huwa stess isejjaħlu l-qofol tal-aggravji tiegħu, huwa li kellu jingħata dritt ta' azzjoni f'ismu u fl-interess taż-żewġ kumpanniji għall-ksib ta' rimedju għaliex huwa vittma indiretta wkoll. Huwa jargumenta li, bħala azzjonista u direttur taż-żewġ kumpanniji rikorrenti, kien jiġġestixxi n-negozju tiegħu permezz tagħhom, u għalhekk l-interessi kummerċjali u finanzjarji taż-żewġ kumpanniji kienu fil-fatt l-interessi kummerċjali u finanzjarji tiegħu wkoll.

»21. F'dan ir-rigward, irid jingħad, fl-ewwel lok, li r-rikorrenti qed jinterpreta ħażin il-kunċett ta' vittma indiretta. Dan il-kunċett, kif applikat għall-finijiet ta' ammissibilità ta' applikazzjoni quddiem il-Qorti Ewropea, huwa applikat għal "*those who are also prejudiced by the violation, as well as those who may have a valid personal interest in having the violation established such as parents or perosns in loco parentis*" … "*A person may also be able to claim that he or she is directly affected as a consequence of a violation of the rights of someone else (eg spouse or parents of a person liable to be deported, a wife complaining that damage to her husband's property also affected her own property, or*

*someone suffering and anguish in violation of article 3 on account of the disappearance of a close relative)*".

»22. Huwa veru li quddiem il-Qorti Ewropea kien hemm każijiet fejn ġew ammessi wkoll bħala vittmi indiretti azzjonisti fil-każ ta' vjolazzjoni tad-drittijiet ta' kumpanniji. Iżda dan sar biss f'każijiet eċċezzjonali u dejjem fejn il-kumpanniji kienu għadhom jeżistu u bil-personalità ġuridika tagħhom. "*The Court holds that disregarding an applicant company's legal personality can be justified only in exceptional circumstances, in particular where it was clearly established that it was impossible for the company to apply to the Convention institutions thorugh the organs set up under its articles of incorporation or – in the event of liquidation – through its liquidators*".

»Il-każijiet ċitati bħala eżempji mill-appellant stess jirreferu għal sitwazzjonijiet fejn il-kumpannija ma setgħetx taġixxi direttament, per eżempju, minħabba li kienet miżmuma milli tagħmel dan bl-*articles of incorporation tagħha*, jew minħabba li tkun fi proċess ta' likwidazzjoni. Fiż-żewġ każijiet, però, il-kumpannija kienet għadha teżisti b'personalità ġuridika, iżda ma setgħetx taġixxi direttament. Għall-kuntrarju, fil-każ preżenti, il-kumpanniji t-tnejn huma vjolti u, kif qalet tajjeb l-ewwel qorti, sakemm ġew xolti, ma kien hemm xejn xi jżommhom milli jaġixxu direttament. Lawrence Borg ma jistax illum jaġixxi f'isimhom, jew minħabba fihom, meta l-azzjoni li kienet tispetta lilhom ma għamluhiex meta ma kellhomx xi jżommhom milli jagħmluha.

»23. F'kull każ, l-esponent jissottometti bir-rispett li l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni jitkellem fuq l-ammissibilità tal-applikazzjonijiet quddiem il-Qorti Ewropea, u mhux ukoll quddiem il-qrati Maltin. Fil-każ tal-proċeduri li jinġiebu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) a bażi tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) japplika l-art. 4(1) tal-istess Att li, bħall-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jeħtieġ l-interess ġuridiku personali u dirett tar-rikorrent. L-artikolu 34 tal-Konvenzjoni ma jiffurmax parti mil-liġijiet domestiċi tagħna, għaliex ma ddaħħalx fid-dispożizzjonijiet li ġew adottati bl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319). F'dan ir-rigward, l-artikolu 3(3) tal-istess Att jagħmilha ċara li "(3) Id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali għandhom ikunu esegwibbli skont id-Dikjarazzjoni u Riżervi magħmula mill-Gvern ta' Malta meta ġiet iffirmata il-Konvenzjoni fit-12 ta' Diċembru, 1966, liema Dikjarazzjoni u Konvenzjoni qegħdin jinġiebu fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att".

»*Inoltre*, meta fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea jissemmew id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali qed issir riferenza għad-drittijiet u libertajiet espressament imsemmija fid-definizzjoni fl-artikolu 2 tal-istess Att.«

20. L-ewwel argument tal-appellant hu illi d-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali li jċaħħad lill-kumpanniji tiegħu mill-benefiċċji taħt l-iskema hija msejsa fuq presunzjoni ta' ħtija li mhux biss tmur kontra l-presunzjoni ta' innoċenza iżda wkoll hija kontra d-deċiżjoni tal-qrati ta' kompetenza kriminali li sabuh

mhux ħati li wettaq xi ħaġa bi ksur tal-liġi in konnessjoni mat-tħaddim tal-iskema.

21. Dan l-argument huwa ħażin, mhux biss għax l-oneru ta' prova fi proċeduri kriminali u f'dawk ċivili huwa differenti, iżda wkoll għax mhux kull ksur tal-kondizzjonijiet tal-iskema li jista' jwassal għaċ-ċaħda tal-benefiċċji taħt l-iskema huwa wkoll bilfors illeċitu penali.

22. L-appellant ukoll ma jistax jilmenta illi nkisirlu xi jedd li jkompli jgawdi taħt l-iskema: il-benefiċjarju taħt l-iskema kienet *Cerviola Holidays* u mhux l-appellant personalment.

23. L-appellant iżda jilmenta wkoll illi, b'konsegwenza tad-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali, il-kumpanniji tiegħu fallew u b'hekk hu tilef l-ishma li kellu f'dawk il-kumpanniji u l-valur ta' dawk l-ishma.

24. Bħala regola ġenerali, fil-ġurisprudenza dwar il-Konvenzjoni Ewropea l-interess ta' azzjonist f'soċjetà kummerċjali ma jikkwalifikahx bħala vittma meta jallega li deċiżjonijiet tal-awtoritajiet jolqtu ħażin is-soċjetajiet li fihom għandu ishma, b'mod li nkisru d-drittijiet tas-soċjetajiet imħarsa taħt il-konvenzjoni. Huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li ksur tad-drittijiet tas-soċjetà jitqiesu wkoll ksur tad-drittijiet tal-azzjonista, kif fissret il-Qorti Ewropea ta-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' <u>Agrotexim and Others *v.* Greece</u>[3]:

> »66. … … … The Court considers that the piercing of the "corporate veil" or the disregarding of a company's legal personality will be justified only in exceptional circumstances, in particular where it is clearly established that it is impossible for the company to apply to the

[3] Rik. 14807/89; 24 ta' Ottubru 1995.

> Convention institutions through the organs set up under its articles of incorporation or – in the event of liquidation – through its liquidators. … … …«

25. Ukoll fil-każ ta' Olczak *v.* Poland[4] il-Qorti Ewropea għamlet distinzjoni bejn l-interessi ta' azzjonisti f'soċjetà kummerċjali u dawk tal-istess soċjetà u qalet illi f'ċirkostanzi fejn ittieħdu deċiżjonijiet jew azzjonijiet li jolqtu lis-soċjetà, hija biss is-soċjetà li tista' tiftaħ proċeduri sabiex tħares l-interessi tagħha sakemm il-kumpannija għad għandha personalità. Fejn jinkisru biss d-drittijiet tal-kumpannija ma jingħata ebda dritt ta' azzjoni lill-azzjonisti, ukoll meta jintlaqtu l-interessi tal-istess azzjonisti:

> »59. As regards the distinction between the shareholders' interests and those of the company, it should be recalled that the concept of the public company is founded on a firm distinction between the rights of the company and those of its shareholders. Only the company, endowed with legal personality, can take action in respect of corporate matters. A wrong done to the company can indirectly cause prejudice to its shareholders, but this does not imply that both are entitled to claim compensation. Whenever a shareholder's interests are harmed by a measure directed at the company, it is up to the latter to take appropriate action. An act infringing only the company's rights does not involve responsibility towards the shareholders, even if their interests are affected. Such responsibility arises only if the act complained of its aimed at the rights of the shareholder as such (...) or if the company has been wound up.«

26. Ma huwiex bla relevanza l-aħħar kumment f'din is-silta: "*Such responsibility arises only … … … if the company has been wound up*".

27. Każ ieħor ta' relevanza huwa dak ta' Anttila *v.* Finland[5] fejn il-qorti qalet illi f'soċjetajiet fejn ikun hemm aktar minn azzjonist wieħed, huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li azzjonist jista' jilmenta li azzjonijiet li jolqtu lis-soċjetà jiksru d-drittijiet tiegħu:

---

4 Rik. 30417/96; 7 ta' Novembru 2002 (deċ.)

5 Rik.16248/10; 19 ta' Novembru 2013 (deċ.)

»The Court reiterates that the term "victim" used in Article 34 of the Convention denotes the person directly affected by the act or omission which is at issue (see, among other authorities, Vatan *v.* Russia, nº 47978/99, § 48, 7 October 2004). As the Court explained in the case Centro Europa 7 S.r.l. and Di Stefano *v.* Italy, a person cannot complain of a violation of his or her rights in proceedings to which he or she was not a party, even if he or she was a shareholder and / or director of a company which was party to the proceedings (see Centro Europa 7 S.r.l. and Di Stefano *v.* Italy [GC], nº 38433/09, § 93, ECHR 2012; see also F. Santos, Lda. and Fachadas *v.* Portugal (dec.), nº 49020/99, ECHR 2000-X; and Nosov *v.* Russia (dec.), nº 30877/02, 20 October 2005). Furthermore, while in certain circumstances the sole owner of a company can claim to be a "victim" within the meaning of Article 34 of the Convention where the impugned measures were taken in respect of his or her company (see, among other authorities, Ankarcrona *v.* Sweden (dec.), nº 35178/97, ECHR 2000-VI; and Glas Nadezhda EOOD and Anatoliy Elenkov *v.* Bulgaria, nº 14134/02, § 40, 11 October 2007), when that is not the case the disregarding of a company's legal personality can be justified only in exceptional circumstances, in particular where it is clearly established that it is impossible for the company to apply to the Convention institutions through the organs set up under its articles of incorporation or – in the event of liquidation – through its liquidators (see Meltex Ltd and Movsesyan *v.* Armenia, nº 32283/04, § 66, 17 June 2008; see also Agrotexim and Others *v.* Greece, 24 October 1995, § 66, Series A nº 330-A; CDI Holding Aktiengesellschaft and Others *v.* Slovakia (dec.), nº 37398/97, 18 October 2001; and Amat-G Ltd and Mebaghishvili *v.* Georgia, nº 2507/03, § 33, ECHR 2005-VIII).«[6]

28. Każ ieħor fejn tqiesu li seħħew dawk iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali huwa dak fejn l-azzjonist jiġġestixxi n-negozju tiegħu permezz tal-kumpannija, meta l-azzjonist u l-kumpannija tant ikunu intrinsikament marbutin ma' xulxin li jkun artifiċjali li wieħed jiddistingwi bejniethom. Fil-każ ta' Yarrow and Others *v.* The United Kingdom[7] il-Kummissjoni Ewropea dwar Drittijiet Fondamentali qalet hekk:

»The Commission has previously held in two cases that a shareholder was entitled to claim to be the "victim" of measures directed against a company. ... However the Commission recalls that in both these cases the individual concerned held a substantial majority shareholding in the company. In effect both applicants were carrying on their own business through the medium of the company and both applicants had a direct personal interest in the subject-matter of the complaint.«

6 Ara wkoll Meltex Ltd and Movsesyan *v.* Armenia, 17 ta' Ġunju 2008.

7 Rik. 9266/81; 28 ta' Jannar 1983 (deċ.)

29. Fid-dokument *Research Division – Article 1 of Protocol Nº 1 – Victim status of company shareholders in relation to measures affecting their companies or their shares* intqal hekk dwar dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali:

> »17. Although companies with separate legal personality are not normally to be identified with their shareholders, the Court has accepted that there are situations where it would serve no purpose to distinguish between the two. Exceptional circumstances allowing for the piercing of the corporate veil exist when a sole owner and shareholder brings an application complaining of acts directly affecting the company. The rationale for accepting the victim status of a sole owner is that in such a situation there is no risk of differences of opinion among shareholders or between shareholders and a board of directors as to the reality of infringement of Convention rights or to the most appropriate way of reacting to such an infringement.«

30. Ċirkostanza oħra fejn azzjonist f'soċjetà kummerċjali tqies vittma hija dik fejn jintwera illi huwa impossibbli għas-soċjetà li tiftaħ proċeduri ġudizzjarji f'isimha. Fil-każ ta' G. J. *v.* Luxembourg[8] il-Qorti Ewropea qalet hekk:

> »24. However, in the present case the company was under liquidation and the complaint brought before the Court relates to the activities of the liquidators, i.e. the official receiver and the Commercial Court. IN these circumstances the Court considers that it was not possible for the company, as a legal personality, at the time, to bring the case before the former Commission. Moreover, the Court recalls that the applicant held a substantial shareholding of 90% in the company. He was in effect carrying out his business through the company and has, therefore, a direct personal interest in the subject-matter of the complaint. Therefore, the Court finds that the applicant may claim to be a victim of the alleged violation of the Convention affecting the rights of the limited liability company.«

31. Każ ieħor huwa fejn is-soċjetà kummerċjali tieqaf teżisti bħala persuna ġuridika kif jingħad fil-każ fuq imsemmi ta' Olczak *v.* Poland[9].

---

[8] Rik. 21156/93; 26 ta' Ottubru 2000

[9] Para. 26, *supra*

32. Fid-dokument fuq imsemm *Research Division – Article 1 of Protocol Nº 1 – Victim status of company shareholders in relation to measures affecting their companies or their shares* ikompli jingħad hekk:

> »27. Apart from situations involving complaints by shareholders about bankruptcy proceedings, the Court has accepted the standing of shareholders also when their company has ceased to exist as a legal person. For example, in S.C. Fiercolect Impex S.R.L. *v.* Romania, nº 26429/07, 3 December 2016, where the application had been introduced by the sole shareholder of the applicant company which during the Strasbourg proceedings had been dissolved, the Court rejected the Government's request to dismiss the application as inadmissible ratione personae:
>
> »… … …
>
> > »"40. The Court notes that the alleged breaches of Article 1 of Protocol Nº 1 in the present case concern the procedure whereby the applicant company had challenged the finance inspectorate's decision to impose a fine and to confiscate a large sum of money. Under the Companies Act, following the dissolution of a company and its removal from the register, its assets are transferred to its shareholders. … In the instant case, the applicant company was a limited liability company with a sole shareholder. After the dissolution of the applicant company, its sole shareholder expressed his interest in continuing the proceedings before the Court.
> >
> > »"41. In these circumstances, the Court considers that since its decision will have a direct impact on the sole shareholder as the person to whom the applicant company's claims have been transferred, the Government's objection has to be dismissed."«

33. Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji u wkoll fid-dawl tal-allegazzjoni tal-appellant illi b'konsegwenza tad-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali l-kumpanniji tiegħu fallew u b'hekk hu tilef l-ishma li kellu f'dawk il-kumpanniji u l-valur ta' dawk l-ishma, ma jistax jingħad illi l-appellant ma għandux interess f'dawn il-proċeduri. Kif wara kollox josserva l-Avukat tal-Istat stess fil-para. 62 tat-tweġiba tiegħu, "azzjonisti ma jistgħux fil-prinċipju jiġu identifikati mal-kumpannija tagħhom u jitqiesu bħala vittmi indiretti *sakemm dik il-ħsara ma tolqotx xi ġid personali tagħhom*" u fil-każ tallum l-ilment hu appuntu illi ntlaqat dak il-ġid personali – l-ishma – tal-appellant.

34. Naturalment, dan qiegħed jingħad biss fil-kuntest tad-deċiżjoni dwar il-leġittimazzjoni attiva tal-appellant, u mhux fil-kuntest tal-meritu, għax jekk huwiex minnu jew le li l-kumpanniji fallew minħabba f'dak li għamel il-Bank Ċentrali hija kwestjoni fil-meritu. Imma l-fatt illi hemm kwistjoni dwar hekk, u dwar jekk l-azzjoni tal-Bank Ċentrali laqtitx proprjetà tal-attur – l-ishma fil-kumpanniji u l-valur ta' dawk l-ishma – huwa biżżejjed biex jagħti lill-appellant l-interess meħtieġ biex jista' jmexxi b'din il-kawża. F'dan is-sens l-interess tal-appellant huwa wieħed dirett aktar milli indirett.

35. Tassew illi l-appellant ma huwiex azzjonist waħdieni u ma ntweriex f'dawn il-proċeduri kemm għandu ishma; madankollu ma ġiex kontestat illi l-interess tiegħu fil-kumpanniji xorta huwa wieħed sostanzjali u għalhekk għandu jitqies biżżejjed biex jagħtih leġittimazzjoni attiva. Dwar dan, il-Kummissjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem osservat hekk fil-każ ta' <u>Agrotexim and Others *v.* Greece</u>:[10]

> »The Commission finds that, the question whether a shareholder may claim to be victim of measures affecting a company cannot be determined on the sole criterion of whether the shareholder detains the majority of the company shares. This element is an objective and important indication but other elements may also be relevant in view of the circumstances of each particular case. In this respect the Commission recalls that it has previously taken into account the fact that an applicant shareholder was carrying out his own business through the medium of the company and that he had a personal interest in the subject-matter of the complaint... ... ...«

36. Barra minn hekk, is-soċjetajiet ma għadx għandhom personalità, u għal-hekk ma jistgħux imexxu f'isimhom – tant illi l-appell tagħhom f'din il-kawża tallum ma tqiesx – u l-appellant ma jistax jikseb ir-rimedju indirettament billi s-soċjetajiet infushom jiksbu r-redintegrazzjoni tad-

10 Rik.14807/89; 12 ta' Frar 1992 (deċ).

drittijiet tagħhom; għalhekk seta' biss imexxi f'ismu. Il-fatt li s-soċjetajiet ma mexxewx fiż-żmien li kellhom sakemm kien għad għandhom personalità ma għandux relevanza ladarba ma tqajmitx kwistjoni ta' preskrizzjoni.

37. Intwera wkoll illi l-appellant flimkien ma' terzi kellu f'idejh it-tmexxija tas-soċjetajiet u kien jinqeda bihom bħala mezz biex jiġġestixxi n-negozju tiegħu. Il-Bank Ċentrali stess jagħraf dan, tant illi l-proċeduri li fetaħ meta deherlu li ma kinux qegħdin jitħarsu l-kondizzjonijiet tal-iskema tal-kambju fetaħhom mhux biss kontra s-soċjetajiet iżda wkoll kontra l-appellant *proprio*.

38. Relevanti hawnhekk dak li jingħad fid-dokument "*Research Division – Article 1 of Protocol Nº 1 – Victim status of company shareholders in relation to measures affecting their companies or their shares*":

> »4. The Court has underlined that while the existence of a "victim" is indispensable for putting the protection mechanism of the Convention into motion, this criterion cannot be applied in a rigid, mechanical and inflexible way throughout the whole proceedings, especially in cases which involve pecuniary claims. The principle that the Convention must be interpreted as guaranteeing rights which are practical and effective is also applicable to Article 34.«

39. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk tiddisponi mill-appell tal-atturi:

    i. tiddikjara illi l-appell ta' *Cerviola Hotel* u ta' *Cerviola Holidays* ma jiswiex u għalhekk ma tqisux aktar;

    ii. tirriforma s-sentenza safejn tolqot lil Lawrence Borg *proprio* billi tħassarha fejn laqgħet l-eċċezzjoni illi l-istess appellant ma għandux interess ġuridiku biex imexxi b'din il-kawża u, minflok, tiċħad dik l-eċċezzjoni, u tikkonfermaha fejn laqgħet l-eċċezz-

joni li s-soċjetajiet atturi ma humiex rappreżentati validament f'dawn il-proċeduri;

iii. tordna illi l-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, jinqasmu bin-nofs bejn l-attur Lawrence Borg *proprio* u l-konvenuti.

40. L-atti għandhom jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ safejn jolqot l-interess tal-attur Lawrence Borg *proprio.*

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Anthony Ellul<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm